# BEATI U QADDISIN...MEJJU

## SANTA MARIJA BERNARDA (FUNDATRICI)

## 19 TA' MEJJU

Twieldet gewwa l-Isvizzera fit-28 ta' Mejju tas-sena 1848 u ghazlet



il-hajja konsagrata biex imbaghad tmur fl-Amerika Latina u hemm ixxandar lil Kristu u twaqqaf l-kongregazzjoni taghha ghat-tixrid tal-messagg divin. Kienet ir-raba wild ta' Enriku u Katerina Bütler, bdiewa modesti u religjuzi. Fil-hajja lajka taghha kien jisimha Verena.

Imrobbija fl-imhabba ta' Alla, Verena ghexet it-tfulija u l-adoloxxenza taghha fil-hajja trankwilla tal-familja taghha u fis-sena 1856 irceviet il-Grizma u erba sinin wara l-ewwel Tqarbina.

Ta' erbatax-il sena temmet l-istudji elementari taghha,u iddedikat lilha nnifsha ghax-xoghol agrikolu; ghall-bidu kellha grazzja ma' guvni, imma wara xi zmien qasir ta' namur tat kaz tas-sejha ta' Alla ghall-hajja konsagrata.

Ghamlet xi tentattivi biex tidhol mas-Sorijiet Ghalliema, imbaghad mal-Frangiskani u anke mas-Sorijiet tal-Presentazzjoni; kienu sforzi nutli; fl-ahhar ta' 17 il-sena dahlet mal-Kongregazzjoni tas-Salib

Imqaddes gewwa Menzingen, imma ma temmitx il-postulant taghha ghax mna hassitx sodisfatta.

Fuq parir ta' Padre Sebastiano Villiger hija dahlet mas-Sorijiet Kappuccini tal-Monasterju ta' Marija Awziljatrici ta' Altstätten nel Cantone di San Gallo. Kellha 19 il-sena meta dahlet fit-12 ta' Novembru tas-sena 1867.

Bdiet in-novizzjat taghha fl-4 ta' Mejju 1868 ; Verena Bütler hadet l-isem ta' Swor Marija Bernarda tal-Qalb ta' Marija u ghamlet l-ewwel professjoni taghha fl-4 ta' Ottubru tas-sena 1869.

Qabel ma ntrabtet bil-voti solenni ma' dak il-monasteru ta' dixxiplina kemmxejn rilassata, talbet lil isqof flimkien ma' zaghzagh kumpanni taghha riforma.

Fis-sena 1874 giet maghzula bhala persuna li tiehu hsieb il-finanzi; kienet biz-zelu kollu tiehu hsieb li tikkura l-gnien u l-organizzazzjoni tal-mahzen, imma ma' dan kollu hsiebha ma kienx imfixkel imma dejjem migbur f'Alla.

Hadet hsieb li terga' twaqqaf id-dixxiplina skont ir-regola tal-Monasteru ta' Marija Awziljatrici; il-vokazzjonijiet bdew joktru hekk li fis-sena 1879 giet eletta Majjistra tan-Novizzi u mis-sena 1882 sas-sena 1886 Superjura tal-Kommunita'.

Il-hsieb li tippartecipa fil-hidma missjunarju sar realta' billi laqghet it-talba ta' mons. Pietro Schumacher ta' Portroviejo ta' l-Ekwador xtaq jiftah missjoni tas-sorijiet gewwa d-djocesi tieghu. Dan setghet taghmlu wkoll minhabba li kien hemm hafna vokazzjonijiet.

Wara awtorizzazzjoni mil-Isvizzera u s-Santa Sede, swor Marija Bernarda flimkien ma' 6 sorijiet ohra marret l-Eqwador biex twaqqaf djar tal-kongregazzjoni taghha f'dak il-pajjiz.

Waqqfet l-ewwel kunvent taghha gewwa Chone, u mieghu infermerija u skola ghat-tfal; lahqet irkejjen ohra mbieghda minkejja l-mard,

gwerrer, u opposizzjoni biex twassal konfort nisrani lil imsejkna u mizeri.

Wara xi zmien kien hemm nuqqas ta' fethim mal-monasteru ta' Altstätten li wassal biex jinqatghu mill-Kongregazzjoni tal-Kappuccini.

B'rizultat ta' dan hija waqqfet familja religjuza gdida msejha s-Sorijiet Frangiskani Missjunarji ta' Marija Awziljatrici. Il-presenza tas-sorijiet qanqal fervur nisrani u fi zmien qasir in-numru taghhom kiber hekk li setghu jinfethu zewgt id-djar ohra gewwa Santana u Canon Ben.

Dan ma jfissirx li kollox kien ward u zghar ghaliex fil-mixja taghhom iltaqghu ma' bosta problemi u diffikultajiet. Il-persekuzzjoni anti religjuza kienet il-kawza li Marija Bernarda kellha thalli l-Istat ta' l-Eqwador u fittxet kenn gewwa il-Brazil fejn accettat it-talba ta' l-isqof tad-djocesi ta' Cartagena, Mons Eugenio Biffi li tahdem id-djocesi tieghu.

Il-Frangiskani Missjunarji ta' Marija Awziljatrici fethu djar ohra, skejjel, kulleggi, sptarijiet u ospizji f'diversi pajjizi ta' l-Amerika Latina.

Madre Marija Bernarda giet eletta u konfermata ghal disa' darbiet bhala superjura. Hija mietet ta' qaddisa fid-19 ta' Mejju tas-sena 1924 fejn waqt il-funeral taghha l-isqof ipprezentaha bhala mudella ta' vera kattolika. Kien il-papa Benedittu XVI li ddikjaraha qaddisa fit-12 ta' Ottubru tas-sena 2008.